



KUNSILL EWROPEW

**Brussell, 23 ta' Ottubru 2011
(OR. en)**

EUCO 52/11

**CO EUR 17
CONCL 5**

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill


lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: **KUNSILL EWROPEW
23 ta' OTTUBRU 2011**

KONKLUŻJONIJIET

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (23 ta' Ottubru 2011).

Minbarra l-indirizzar tal-isfidi immedjati maħluqa mill-kriżi finanzjarja, huwa essenzjali li jiġu intensifikati l-isforzi biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u li joħloq l-impjiegi. Il-konsolidazzjoni baġitarja u t-tnaqqis tad-dejn huma ta' importanza kruċjali sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi u biex terġa' tinkiseb il-fiduċja. Fl-istess ħin, hija meħtieġa azzjoni determinata biex issaħħaħ l-ekonomija sa mill-futur qrib. Għalhekk huwa kruċjali għall-Unjoni Ewropea li timplimenta l-aspetti kollha tal-istrateġija Ewropa 2020. L-Istati Membri ser iħaffu r-riformi strutturali f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet magħmula fil-kuntest tas-semestru Ewropew. F'dan il-qafas, il-Kunsill Ewropew illum identifika numru ta' prioritajiet li għandhom jingħataw preferenza minħabba l-impatt sinifikanti tagħhom fuq l-impjiegi u t-tkabbir fil-perijodu qasir sa medju. Huwa talab ukoll għal fokus imsaħħaħ li għandu jingħata lill-aspetti li jsaħħu t-tkabbir tal-politiki esterni tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġi massimizzat il-kontribut tagħhom għat-tkabbir fl-Ewropa u biex jissawru l-kondizzjonijiet li jattiraw aktar investiment barrani. Il-Kunsill Ewropew stabbilixxa l-pożizzjoni tal-Unjoni għas-Summit tal-G20, filwaqt li ta prijetà assoluta li tinżamm l-istabbiltà fiskali u li jerġa' jinkiseb it-tkabbir. Huwa ddiskuta wkoll it-tnejniet għall-konferenza ta' Durban dwar it-tibdil fil-klima, fejn saħaq dwar il-ħtieġa li jittieħdu passi ambizzjużi lejn qafas vinkolanti komprensiv u globali għall-perijodu ta' wara l-2012.



I. POLITIKA EKONOMIKA

1. Fid-dawl tar-rapport tal-Kummissjoni dwar l-oqsma li jsaħħu t-tkabbir u wara l-eżitu tal-konferenza politika dwar is-sorsi tat-tkabbir li saret fis-6 ta' Ottubru 2011, il-Kunsill Ewropew identifika numru limitat ta' prioritajiet ewlenin għall-politika ekonomika interna li jeħtieġ jiġu segwiti fil-perijodu qasir sabiex jinkiseb tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, u ekoloġiku:
 - (a) Is-Suq Uniku għandu rwol ewlieni fil-kisba tat-tkabbir u l-impjiegi. Għandhom isiru l-isforzi kollha biex jiġi żgurat ftehim sa tmiem l-2012 dwar it-12-il proposta ta' prijetà stabbiliti fl-Att dwar is-Suq Uniku, filwaqt li tingħata l-akbar prijetà lil dawk li jistgħu jagħtu l-aktar benefiċċji għat-tkabbir u l-impjiegi. L-implimentazzjoni sħiħa tad-Direttiva dwar is-Servizzi ser twassal ukoll għal kisbiet ekonomiċi sinifikanti; L-Istati Membri għandhom ilestu l-implimentazzjoni tagħha sal-aħħar ta' din is-sena u jiżguraw li l-punti uniċi ta' servizz ikunu operattivi kompletament u li l-operaturi ekonomiċi jkunu infurmati bis-sħiħ dwar l-opportunitajiet ġodda li toffri. Il-Kummissjoni ser tirrapporta dwar din il-kwistjoni sa tmiem l-2011.

- (b) Il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta malajr il-pjan direzzjonali dwar it-tlestija tas-Suq Uniku Diġitali sal-2015, filwaqt li tagħti prijorità lil proposti li għandhom l-għan li jippromwovu Suq Uniku Diġitali integrat totalment permezz tal-faċilitazzjoni tal-kummerċ elettroniku u l-użu transkonfinali ta' servizzi online. Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat progress rapidu sabiex jinkisbu l-oġettivi tal-kopertura tal-broadband stabbiliti fl-Aġenda Diġitali, jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-awtentikazzjoni elettronika sikura u l-immodernizzar tas-sistema Ewropea dwar id-drittijiet tal-awtur bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kapaċità kompetittiva tal-UE u tisfrutta l-possibiltajiet għal mudelli ġodda ta' negozju, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u jittieħed kont tad-diversità kulturali. Il-Kunsill Ewropew jappella għal ftehim rapidu rigward il-programm dwar il-Politika dwar l-Ispettru tar-Radju.
- (c) Għandu jinżamm il-momentum fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni 2007 għat-tnaqqis tal-piż amministrattiv sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' tnaqqis ta' 25% sal-2012; għandu jsir progress aktar mgħaġġel fir-rigward tal-kontijiet annwali, il-liġi tal-kumpanniji, it-tassazzjoni u d-dwana. Il-Kunsill Ewropew jappella għall-adozzjoni rapida tal-proposti ta' simplifikazzjoni pendenti quddiem il-Kunsill u l-Parlament.

Il-Kummissjoni mistiedna tkompli tikkonċentra l-isforzi biex jitnaqqas il-piż regolatorju ġenerali, b'mod partikolari għall-SMEs, inkluż billi tipproponi metodi konkreti ta' ħidma fil-kuntest tal-aġenda dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti. Hija impenjat ruħha li tivvaluta l-impatt tar-regolamenti futuri dwar il-mikrointrapriżi u li tivverifika l-acquis biex tidentifika obbligi eżistenti li l-mikrointrapriżi jistgħu jiġu eżenti minnhom. Il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess ir-rapport li jmiss tal-Kummissjoni sabiex jerġa' lura għal dawn il-kwistjonijiet fil-laqgħa tiegħu ta' Diċembru 2011.

- (d) L-Istati Membri ser jiżguraw li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ikunu riflessi bis-ših fid-deċiżjonijiet nazzjonali fir-rigward tal-politika baġitarja u r-riformi strutturali, minħabba l-importanza kruċjali tagħhom għall-iżgurar ta' finanzi pubbliċi sostenibbli u għall-ħolqien tal-impjiegi u t-tkabbir. B'appoġġ għal dan, il-Kunsill Ewropew jappella biex il-Kunsill jieħu passi, filwaqt li jaħdem mal-Kummissjoni, sabiex jiżgura li l-azzjonijiet kollha fil-livell tal-Unjoni Ewropea jappoġġaw kompletament it-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi.

2. L-enerġija, inkluża l-effiċjenza fl-enerġija, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni huma oqsma ewlenin għall-promozzjoni tat-tkabbir. Il-Kunsill Ewropew ser isegwi l-progress li sar f'dawk l-oqsma f'Diċembru 2011 u f'Marzu 2012 rispettivament, wara l-orjentazzjonijiet konkreti stabbiliti fi Frar 2011. Huwa jappella għall-implimentazzjoni rapida ta' dawk il-miżuri li ser ikollhom impatt dirett fuq it-tkabbir.
3. Peress li l-kriżi żiedet il-pressure fuq il-baġits nazzjonali, huwa importanti li jiġi ottimizzat l-użu tar-riżorsi disponibbli, b'mod partikolari f'pajjiżi li jimplimentaw programm ta' aġġustament. Il-Kunsill Ewropew jappella biex qabel it-tmiem tas-sena jiġu adottati l-proposti li jżidu temporanjament ir-rati ta' kofinanzjament għall-fondi tal-UE, fejn dawn il-fondi jiġu ffokati fuq it-tkabbir, il-kompetittività u l-impjiegi. Il-BEI huwa mistieden jeżamina f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni l-possibbiltajiet ta' kontribut akbar sabiex jiżdied l-investment fl-Ewropa, inkluż għal pajjiżi li jimplimentaw programm ta' aġġustament.
4. L-Unjoni Ewropea issa għandha għodod aktar qawwija sabiex ittejjeb il-**governanza ekonomika** tagħha u biex tiżgura li jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex l-Ewropa toħroġ mill-kriżi: l-istrateġija Ewropa 2020 tkompli tiggwida lill-Unjoni u l-Istati Membri fil-promozzjoni tat-tweġġiq tar-riformi strutturali li jsaħħu t-tkabbir; is-semestru Ewropew ser jgħin biex jiġi żgurat li dawn jibqgħu għaddejjin fit-triq it-tajba fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-riformi b'mod koordinat; u l-Patt Euro Plus ser jikseb kwalità għda ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika fost l-Istati Membri parteċipanti. Il-pakkett ta' sitt atti legiſlattivi dwar il-governanza ekonomika miftiehem ix-xahar li għadda għandu jippermetti livell ferm oġġla ta' sorveljanza u ta' koordinazzjoni, meħtieġa biex jiġu żgurati finanzi pubbliċi sostenibbli u tiġi evitata l-akkumulazzjoni ta' żbilanċi eċċessivi. Il-Kunsill Ewropew jenfasizza d-determinazzjoni tiegħu li jimplimenta dan il-qafas għdid sabiex jiżgura li dan jiġi applikat b'mod sħiħ u effettiv. F'dan il-kuntest, nilqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jissaħħa, fil-Kummissjoni, ir-rwol tal-Kummissarju kompetenti għal monitoraġġ aktar mill-qrib u aktar infurzar.

5. Is-semestru Ewropew li jmiss għandu jkun ambizzjuż kemm jista' jkun u jieħu kont sħiħ tal-lezzjonijiet tal-passat. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tantiċipa l-Analiżi Annwali tagħha dwar it-Tkabbir għal Diċembru 2011, biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jħejji bir-reqqa għall-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa 2012. Il-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern ser jerġgħu lura għal xi temi tal-Patt Euro Plus f'Diċembru 2011; huma ser jiġu infurmati wkoll dwar il-progress li jkun sar matul diskussjonijiet strutturati dwar kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tal-politika dwar it-taxxa. Tinsab għaddejja ħidma legiſlattiva dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni għal taxxa dwar it-transazzjonijiet finanzjarji.
6. It-tisħiħ tar-regolament finanzjarju jibqa' prijorità ewlenija fil-livell tal-UE u l-livell globali. Ħafna inkiseb mill-2008 bir-riforma tal-qafas regolatorju u superviżorju tagħna, iżda l-isforzi jridu jkomplu biex jiġu indirizzati d-dgħufijiet tas-sistema finanzjarja u jiġu prevenuti kriżijiet futuri. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ftehim milħuq dwar il-bejgħ bin-nieqes (short selling) u jappella għall-adozzjoni rapida ta' proposti legiſlattivi importanti oħrajn bħal dawk relatati mad-derivati OTC u l-iskemi ta' garanzija tad-depożiti sa tmien din is-sena, u dawk dwar rekwiżiti ta' kapital sas-sajf tal-2012. Huwa jilqa' l-proposti dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u l-abbuż tas-suq u jistenna b'interess il-proposti li ser tagħmel il-Kummissjoni dwar l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u l-ġestjoni u r-riżoluzzjoni tal-kriżi bankarja.

Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-progress li sar mill-Kunsill (ECOFIN) dwar miżuri għas-settur bankarju u jistieden lill-Kunsill jiffinalizza din il-ħidma fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Ottubru. Dawn il-miżuri ser ikunu komponent essenzjali ta' pakkett usa' li l-elementi l-oħra tiegħu ser jiġu maqbula mis-Summit taż-Żona tal-Euro fis-26 ta' Ottubru.

7. Il-President informa lill-Kunsill Ewropew dwar l-istat tat-tħejjijiet rigward is-Summit taż-Żona tal-Euro tat-23 u s-26 ta' Ottubru. Il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-hteġa għall-koerenza tal-attivitajiet taż-żona tal-euro u l-Unjoni Ewropea, b'rispett sħiħ għall-integrità tal-Unjoni Ewropea inġenerali u tal-operat tagħha b'27. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni Ewropea għandha r-responsabbiltà li tiżgura l-konformità mal-leġislazzjoni tal-UE mis-27 Stat Membru kollha, inkluża dik rigward is-suq intern, u li tissalvagwardja kondizzjonijiet ekwivalenti fost l-Istati Membri kollha inklużi dawk li ma jipparteċipawx fl-euro. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro ser jinħatar mill-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro fl-istess żmien meta ssir l-elezzjoni tal-President mill-Kunsill Ewropew u għal mandat tal-istess tul. Sakemm issir l-elezzjoni li jmiss, il-President attwali tal-Kunsill Ewropew ser jippresjedi l-laqgħat tas-Summit taż-Żona tal-Euro. Il-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro ser iżomm lill-Istati Membri li ma jagħmlux parti miż-żona tal-euro infurmati tajjeb dwar it-tħejjija u l-eżitu tas-Summits. Il-Kunsill Ewropew jinnota l-intenzjoni tal-Kapijiet ta' Stat jew ta' Gvern taż-żona tal-euro li jirriflettu dwar aktar tisħiħ tal-konverġenza ekonomika fiż-żona tal-euro, dwar it-titjib tad-dixxiplina fiskali u t-tisħiħ tal-unjoni ekonomika, inkluża l-esplorazzjoni tal-possibbiltà ta' tibdil limitat fit-Trattat. Il-Kunsill Ewropew ifakkar li kwalunkwe bidla fit-Trattat għandha tiġi deċiża mis-27 Stat Membru. Il-Kunsill Ewropew ser jerġa' lura għal din il-kwistjoni f'Diċembru abbażi ta' rapport mill-President tal-Kunsill Ewropew f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Grupp tal-euro.
8. Fir-rigward tal-**aspetti esterni tal-politika ekonomika**, l-Ewropa ser tkompli tippromwovi kummerċ ħieles, ġust u miftuħ filwaqt li fl-istess ħin tafferma l-interessi tagħha, fi spirtu ta' reċiproċità u benefiċċju reċiproku fir-rigward tal-akbar ekonomiji tad-dinja. L-Unjoni Ewropea tista' tieħu numru ta' miżuri fir-relazzjonijiet esterni tagħha li jistgħu jikkontribwixxu biex jagħtu spinta lill-potenzjal tat-tkabbir tagħha, kemm fuq il-perijodu qasir kif ukoll fuq dak twil:

- (a) Filwaqt li t-tisħiħ u t-twessiegħ tas-sistema multilaterali u l-konklużjoni taċ-ċiklu ta' Doha tad-WTO jibqgħu objettivi kruċjali minħabba l-benefiċċji mistennija tagħhom f'termini ta' tkabbir u ħolqien ta' impjiegi, għandha tingħata enfasi mġedda lill-ftehimiet bilaterali u reġjonali, b'mod partikolari flimkien mas-sħab strateġiċi u dawk li s-swieq tagħhom qegħdin jespandu b'pass sinifikanti. Sforzi bħal dawn għandhom, b'mod partikolari, jiġu mmirati lejn it-tneħħija tal-ostakoli tal-kummerċ, l-aċċes aħjar għas-suq, kondizzjonijiet adegwati għall-investment, il-protezzjoni tal-proprietà intellettuali, l-aċċess għal materja prima u l-ftuħ tas-swieq tal-akkwist pubbliku. Rigward dan tal-aħħar, il-Kunsill Ewropew jistenna b'interess il-proposta li ġejja tal-Kummissjoni għal strument tal-UE.
- (b) L-Unjoni għandha tikkapitalizza fuq ir-relazzjonijiet speċjali li tgawdi mar-reġjuni ġirien tagħha sabiex trawwem rabtiet ekonomiċi eqreb u tiftaħ opportunitajiet ta' kummerċ u investment ġodda, inkluż billi, fejn opportun, tidħol fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles komprensivi u profondi. Il-promozzjoni ta' ambjent li jiffavorixxi aktar in-negozju fil-viċinat kollu tal-UE tikkostitwixxi investment essenzjali għal prosperità reġjonali usa'. L-Unjoni għandha timmira għall-integrazzjoni ta' setturi speċifiċi li għandhom impatt sinifikanti fuq it-tkabbir u l-impjiegi, bħall-enerġija u l-avjazzjoni.
- (c) L-Unjoni għandha tfittex ukoll li tieħu l-benefiċċji kollha ta' ambjent regolatorju applikat fi spazju ekonomiku li qed jespandi u tieħu t-tmexxija fl-istabbiliment ta' standards. Hija għandha tiżviluppa politika ta' investment komprensiva, bl-għan li jinkisbu liberalizzazzjoni u protezzjoni effettivi tal-investment minn żewġ direzzjonijiet bħala parti integrali tal-politika kummerċjali komuni globali tal-Unjoni. Hija għandha tiżgura aktar koerenza bejn l-aspetti esterni tal-politiki settorjali bħall-enerġija, it-trasport u l-viżi, fil-bilanċ globali tal-interessi ekonomiċi u l-objettivi tal-politika barranija tagħha.

9. Ser isir progress fil-ħidma dwar dawn il-kwistjonijiet bħala prijorità u r-riżorsi u l-istrumenti meħtieġa ser ikunu deddikati għal dan il-għan. Il-Kummissjoni hija mistiedna tirrapporta dwar il-progress miksub sar-rebbiegħa li jmiss. Meta jkun meħtieġ, is-summits tal-UE ma' pajjiżi u reġjuni terzi ser ikunu ffukati aktar biex jissolvew il-kwistjonijiet pendenti fil-ftehimiet li qed jiġu nnegożjati magħhom.

II. G20

10. Il-Kunsill Ewropew iddiskuta t-tħejjijiet għas-Summit tal-G20 f'Cannes. Huwa kkonferma l-orjentazzjonijiet miftiehma mill-Kunsill bi tħejjija għal-laqgħat ministerjali tal-G20 dwar il-Finanzi, l-Agricoltura, l-Impjiegi u l-Iżvilupp.
11. Hija meħtieġa azzjoni determinata biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja, terġa' tinkiseb il-fiduċja u jiġu appoġġati t-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. Il-G20 għandu japprova pjan ta' azzjoni ambizzjuż li jkun fih impenji u miżuri speċifiċi mill-pajjiżi kollha tal-G20 biex iwieġeb għall-isfidi serji li jirriżultaw mit-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku attwali u biex jiġi żgurat tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u bbilanċjat filwaqt li tiġi implimentata konsolidazzjoni fiskali kredibbli.
12. Is-Summit ta' Cannes għandu jikseb ukoll progress reali f'dawn li ġejjin:
- (a) ir-riforma tas-sistema monetarja internazzjonali (SMI), b'mod partikolari bit-tisħiħ tal-għodod ta' sorveljanza u ta' ġestjoni ta' kriżijiet u l-koordinazzjoni aħjar tal-politiki ekonomiċi u monetarji; politiki makroekonomiċi b'saħħithom għandhom ikunu l-ewwel li jwieġbu għal xokkijiet ikkawżati minn flussi tal-kapital u l-G20 għandu jkompli jippromwovi s-swieq tal-kapital miftuħa u jevita l-protezzjoniżmu finanzjarju; huwa mistenni aktar progress permezz ta' triq ibbażata fuq kriterji biex jitwessa' l-basket ta' drittijiet ta' prelevament speċjali, bħala kontribut għall-evoluzzjoni tas-SMI, abbażi tal-kriterji eżistenti. Il-G20 għandu jiżgura li l-FMI jkollu riżorsi adegwati biex jissodisfa r-responsabbiltajiet sistemiċi tiegħu u għandu jespjora l-kontribuzzjonijiet possibbli lill-FMI minn pajjiżi b'bilanċ favorevoli estern kbir.

- (b) it-tisħiħ tar-regolamentazzjoni u s-superviżjoni tas-settur finanzjarju, billi tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa u konsistenti ta' impenji passati, li jimplika l-implimentazzjoni fil-ħin u konsistenti ta' Basel II, II-5 u III, ir-riforma tad-derivati OTC, u prinċipji u standards ta' rimunerazzjoni. Huwa meħtieġ progress biex jinkisbu oqfsa internazzjonalment konsistenti għall-istituzzjonijiet finanzjarji kollha ta' importanza sistemika, biex jiġu identifikati u elenkati b'mod pubbliku l-ġurisdizzjonijiet mhux kooperattivi, biex tinkiseb il-konverġenza ta' standards ta' kontabbiltà, biex tissaħħaħ ir-regolamentazzjoni tas-sistema bankarja "parallela", biex tiġi miġġielda l-eżistenza ta' refuġji fiskali u biex titnaqqas is-sovradipendenza fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu. Biex jinżamm il-pass mar-riforma finanzjarja ambizzjuża, ser jissaħħu l-bażi istituzzjonali, ir-riżorsi u l-governanza tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja. Għandha tiġi esplorata u żviluppata aktar l-introduzzjoni ta' taxxa ta' transazzjoni finanzjarja globali;
- (c) l-ittrattar tal-volatilità eċċessiva tal-prezzijiet ta' prodotti bażiċi, b'mod partikolari billi tissaħħaħ it-trasparenza fis-swieq tal-prodotti bażiċi u jittejjeb il-funzjonament u r-regolamentazzjoni tas-swieq tad-derivati; il-Pjan ta' Azzjoni tal-G20 dwar il-volatilità tal-prezzijiet tal-ikel u l-agrikoltura jikkostitwixxi pass importanti 'l quddiem lejn rispons ikkoordinat internazzjonalment għall-isfida tas-sigurtà tal-ikel;
- (d) il-promozzjoni tal-irkupru globali u t-tkabbir sostenibbli inklużiv billi tiġi appoġġata aġenda attiva tad-WTO rigward in-negozjar, inkluż għall-pajjiżi l-anqas żviluppati, u billi tiġi implimentata bis-sħiħ l-Aġenda ta' Żvilupp tal-G20 permezz ta' miżuri konkreti; id-dimensjoni soċjali tal-globalizzazzjoni għandha wkoll tiġi msaħħa;
- (e) l-avvanz tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ internazzjonali u r-reżistenza għall-protezzjoniżmu b'mod partikolari billi jiġi maqbul pjan kredibbli bħala bażi għall-konklużjoni taċ-ċiklu ta' Doha għall-Iżvilupp u l-kunsiderazzjoni ta' approċċi innovattivi biex tissaħħaħ is-sistema ta' kummerċ multilaterali;
- (f) il-għieda kontra t-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jiġu mobilizzati sorsi għall-finanzjament tat-tibdil fil-klima.

III. TIBDIL FIL-KLIMA

13. Il-Kunsill Ewropew japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 u 1-10 ta' Ottubru 2011 li jiddeskrivu l-pożizzjoni tal-UE għall-konferenza ta' Durban dwar it-tibdil fil-klima f'aktar dettall. Huwa jenfasizza li huwa kruċjali li jkun hemm skema internazzjonali ambizzjuża biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima jekk irridu nilħqu l-oġettiv maqbul ta' żieda ta' mhux aktar minn 2°C fit-temperaturi globali. L-Unjoni Ewropea ser taħdem lejn eżitu ambizzjuż u bbilanċjat fil-konferenza ta' Durban, billi tibni fuq dak li kien maqbul is-sena l-oħra f'Cancun. Huwa urġenti li jiġu maqbula proċess għal qafas vinkolanti komprensiv u skadenza definita ċara, li jiżguraw il-parteciġazzjoni globali, inkluża dik tal-ekonomiji prinċipali. Il-Kunsill Ewropew jikkonferma d-disponibbiltà tal-Unjoni Ewropea għat-tieni perijodu ta' impenn taħt il-Protokoll ta' Kjoto bħala parti mit-transizzjoni għal qafas bħal dan, kif stabbilit mill-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2011.
14. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ħidma li għaddejja bħalissa tal-Panel ta' Livell għoli dwar is-Sostenibbiltà Globali, stabbilit mis-SĠNU, biex jinstabu modi ġodda effettivi għall-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli globali.

IV. POLITIKA BARRANIJA

15. L-Ewropa tibqa' impenjata li tappoġġa t-trasformazzjoni demokratika tal-Viċinat tan-Nofsinhar tagħha permezz tal-Politika Ewropea tal-Viċinat. It-transizzjoni demokratika u l-iżvilupp ekonomiku fir-reġjun kollu jibqgħu essenzjali biex tiġi stabbilita id-demokrazija, filwaqt li jiġu rrispettati l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u dawk ċivili. It-tnedija rapida ta' proġetti konkreti fi ħdan l-Unjoni għall-Mediterran tista' tikkontribwixxi ħafna għal dan il-proċess.
16. Il-mewt ta' Muammar Gaddafi timmarka t-tmiem ta' era ta' despotiżmu u ripressjoni li matula l-poplu Libjan soffra għal wisq żmien. Illum il-Libja tista' taqleb paġna fl-istorja tagħha, timxi lejn ir-rikonċiljazzjoni nazzjonali u tħaddan futur demokratiku ġdid.

Il-Kunsill Ewropew ifaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tal-poplu tal-**Libja**. Huwa jħares 'il quddiem għall-ħolqien ta' gvern inklużiv u wiesa', għat-tnedija ta' transizzjoni demokratika, paċifika u trasparenti li tilħaq lil-Libjani kollha u għat-tħejjija ta' elezzjonijiet liberi u ġusti f'konformità mad-Dikjarazzjoni Kostituzzjonali tal-Kunsill Transizzjonali Nazzjonali. Huwa jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni Ewropea li tappoġġa l-ħolqien ta' Libja demokratika. Il-Kunsill Ewropew itenni l-appoġġ tiegħu għal **Eġittu** demokratiku, pluralista u stabbli bħala sieħeb ewlieni għall-UE. L-awtoritajiet interim għandhom il-kompitu kruċjali li jorganizzaw l-ewwel elezzjonijiet demokratiċi u trasparenti, filwaqt li jiżguraw il-liġi u l-ordni b'mod li jirrispettaw id-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill Ewropew huwa mħasseb dwar il-kunflitti traġiċi reċenti fl-Eġittu u jissottolinja l-importanza tal-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon jew twemmin, inkluż il-protezzjoni ta' minoritajiet reliġjużi bħala komponent essenżjali ta' kull soċjetà demokratika. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-ewwel elezzjonijiet liberi fit-**Tuneżija**, illum. L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa l-awtoritajiet il-ġodda fl-isforzi tagħhom favur id-demokratizzazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, inkluż permezz tat-Task Force UE/Tuneżija.

17. Il-Kunsill Ewropew japprova bis-sħiħ il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-**Sirja** adottati fl-10 ta' Ottubru. Il-poplu Sirjan għandu jkun kapaċi jiddefinixxi l-futur ta' pajjiżu mingħajr il-biża' ta' ripressjoni. Il-Kunsill Ewropew jilqa' l-isforzi tal-oppożizzjoni politika biex tistabbilixxi pjattaforma unita. Il-ħolqien tal-Kunsill Nazzjonali Sirjan huwa pass pożittiv 'il quddiem. Huwa għadu mħasseb b'mod serju dwar is-sitwazzjoni attwali fis-Sirja u jenfasizza l-appoġġ qawwi tiegħu għall-poplu Sirjan hekk kif jesprimu l-aspirazzjonijiet leġittimi tagħhom għal ħajja fil-libertà u d-dinjità. Huwa jikkundanna bl-aktar mod qawwi r-ripressjoni brutali li għaddejja mmexxija mir-Reġim Sirjan fuq il-popolazzjoni tiegħu kif ukoll il-ksur mifrux tad-drittijiet tal-bniedem. Il-President Assad għandu jwarrab biex jippermetti li sseħħ transizzjoni politika fis-Sirja. L-UE ddeċidiet li tiegħu miżuri restrittivi mmirati lejn dawk responsabbli mir-ripressjoni vjolenti jew li huma assoċjati magħha u dawk li jappoġġaw jew li jibbenefikaw mir-reġim, u mhux lejn il-popolazzjoni ċivili. L-UE ser timponi miżuri ulterjuri u aktar komprensivi kontra r-reġim sakemm tkompli r-ripressjoni tal-popolazzjoni ċivili. Il-Kunsill Ewropew iħeġġeġ lill-membri kollha tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU biex jassumu r-responsabbiltajiet tagħhom fir-rigward tas-sitwazzjoni fis-Sirja.

18. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tisħiħ ta' miżuri restrittivi tal-UE kontra l-Iran minħabba ksur inaċċettabbli tad-drittijiet tal-bniedem u l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi kontra ħames individwi wara l-isfrattar tal-komplott biex jinqatel l-Ambaxxatur tar-Renju tal-Arabja Sawdija għall-Istati Uniti. Huwa jhegġegħ lill-Iran biex jirrispetta l-obbligi kollha skont il-liġi internazzjonali. Huwa jesprimi t-tħassib kontinwu tiegħu dwar l-espansjoni tal-programmi nukleari u missilistiċi tal-Iran, bi ksur tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), kif ukoll in-nuqqas tiegħu li jikkoopera mal-IAEA fl-indirizzar ta' kwistjonijiet pendenti, inklużi dawk li jimmiraw lejn dimensjonijiet militari possibbli għall-programm nukleari tiegħu. Aħna nħeġġu lill-Iran biex jidħol f'taħditiet kostruttivi u sostanzjali mal-E 3+3 b'mod li tintlaħaq soluzzjoni komprensiva, innegozjata u għat-tul tal-kwistjoni nukleari sabiex jiġu evitati aktar miżuri restrittivi possibbli. Fl-istess ħin il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kunsill Affarijiet Barranin biex iħejji miżuri restrittivi ġodda li għandhom jiġu deċiżi u implimentati fil-ħin propiżju f'każ li l-Iran ikompli ma jikkooperax serjament jew ma jissodisfax l-obbligi tiegħu. Huwa japprova d-dikjarazzjoni mogħtija mir-Rappreżentant Għoli fil-21 ta' Settembru. Huwa jtenni l-impenji tal-Unjoni Ewropea biex taħdem għal soluzzjoni diplomatika ta' din il-kwistjoni.
19. Il-Kunsill Ewropew jilqa' t-tieni s-Summit tas-**Sħubija tal-Lvant** li sar f'Varsavja fid-29-30 ta' Settembru u jilqa' l-intenzjoni tar-Rappreżentant Għoli u tal-Kummissjoni Ewropea li jipproponu pjan direzzjonali li jelenka l-oġettivi, l-istrumenti u l-azzjonijiet bil-ħsieb tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant li ġej fit-tieni nofs tal-2013. Il-pass u l-profondità tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika ta' dawn il-pajjiżi mal-UE ser jiddependu minn kemm huma jirrispettaw il-prinċipji demokratiċi u l-istat tad-dritt tagħhom li huma l-bażi tas-Sħubija.
-

DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL EWROPEW

Il-Kunsill Ewropew jilqa' b'sodisfazzjon kbir it-tħabbir fl-20 ta' Ottubru tal-waqfien tal-attività terroristika tal-ETA. Dan huwa bla dubju r-rebħa tad-demokrazija u l-libertà fi Spanja u fl-Unjoni kollha, u f'dan ir-rigward il-Kunsill Ewropew jixtieq jesprimi l-apprezzament tiegħu lill-Gvern, lill-partiti politiċi, lill-forzi tas-sigurtà, lill-awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi u lis-soċjetà Spanjola kollha għall-perseveranza u d-determinazzjoni tagħhom fil-ġlieda li ilha għaddejja kontra l-vjolenza terroristika. Huwa dovut ukoll rikonoxximent għall-kooperazzjoni u s-solidarjetà Ewropea imprezzabbli rċevuta, b'ringrazzjament speċjali għall-poplu u l-Gvern ta' Franza. Aħna niftakru b'mod speċjali fil-vittmi ta' din il-vjolenza, tifkira li trid tibqa' sabiex vjolenza bħal din, li qatt ma kellha sseħħ, qatt ma terġa' tigrì.
